MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2008

Numru. 385/2007

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR CARMELO MAGRI**
**SPETTUR ALFRED MALLIA**

**KONTRA**

**DIEGO GRIXTI**
**ALLAN PACE**
**CURTIS BAKUSH**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Diego Grixti ta' 21 sena, bin Henry u Frances nee' Pirotta, mwieled Pieta nhar il- 20 ta' Novembru 1985, u residenti

fil-fond 102A , Triq l-Ifran, Valletta, detentur ta’ Karta tal-Identita’ bin-numru 590685(M);

Allan Pace ta’ 18 sena, iben George u Mary nee’ Cefai, imwieled Pieta nhar it- 2 ta’ Marzu 1988, u residenti 51, Triq San Guzepp, Valletta , detentur ta’ Karta tal-Identita’ bin-numru 120488M;

Curtis Bakush ta’ 17 sena, bin Ali u Jane nee’ Zammit mwieled fil- Pieta fl- 28 ta’ Lulju 1989 u residenti fil- fond 60 Flat 1, Triq l- isptar, Valletta u detentur tal- karta tal-identita’ bin- numru 340689M;

Li gew mressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1. Fl- 10 ta’ Frar 2007, u/jew fil- grante ta’ wara din id- data mill- hanut bl- isem ‘E. Camilleri Ironmongery’ sitwat fi Triq l- Ifran Valletta, ikkommettew serq ta’ flus kontanti, diversi ghodda u oggetti ohra ghad- dannu ta’ George Cutajar. Liema serq kkwalifikat bil- vjolenza, bil-mezz bil- valur li ma jeccedix l- elf lira Maltin u bil- hin.

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’ Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkunm indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

3. Fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobblim ghad- dannu ta’ l-istess George Cutajar, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin Lira Maltin (Lm50) izda ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin (Lm500)

4. Lil Allan Pace wahdu talli fl- istess data u cirkostanzi, kiser il- kundizzjonijiet ta’ l- Artiklu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li gew imposti fuqu

b'sentenza datata 18 ta' Lulju 2005 mghotija mill-Magistrat Dott.C. Scerri Herrera LL.D

5. Lil Diego Grixti wahdu talli fl- 19 ta' Frar, 2007 ghal-habta ta' l- 10.00 ta' fil-ghaxija fl-ghassa tal- Pulizija fil- Belt Valletta, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PC 372 Jurgen Vella persuna nkarigata skond il- Ligi minn servizz pubbliku fil-waqt li kien qed jagixxi fl- esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skond il- Ligi minn awtorita' komptenti

6. Lil Diego Grixti wahdu fl- istess data u cirkostanzi, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il- persuna ta' PC 372 Jurgen Vella skond kif iccertifika Dr. David Fenech MD tac- centru tas- sahha tal- Furjana

7. Lil Diego Grixti wahdu talli fl- istess data u cirkostanzi, hedded bil- fomm lil PC 372 Jurgen Vella persuna nkarigata skond il- Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is- servizz, jew bil- hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l- ligi fl- esekuzzjoni ta' dak is- servizz

8. Lil Diego Grixti wahdu talli fl- istess data u cirkostanzi, gab ruhu b'mod li jikkaguna lil PC 372 Jurgen Vella, biza' li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' tieghu meta kien jaf jew messu kien jaf li l-imgieba tieghu se tikkaguna lil PC 372 Jurgen Vella hekk jibza' bi ksur tal- Artikolu 251 (B) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta

9. Lil Diego Grixti wahdu talli fl- istess data u cirkostanzi, m'obdiex l- ordnijiet legittimi ta' PC 372 Jurgen Vella, jew ma halliehx jew fixxklu fil- qadi ta' dmirijietu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijietu billi ma halliehx jaghmel dak li bil- Ligi kien ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix- xejn jew hassar dak li kien qed jaghmel skond il- Ligi

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat:**

L-imputati qed jigu akkuzati li wettqu serqa mill-hanut “E Camilleri Ironmongery” gewwa l-Belt fl-10 ta’ Frar jew fil-jiem ta’ wara, fejn gew misruqa xi ghodda u flus, liema serq hu aggravat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira (illum l-elfejn tlitt mija u tnejn u disghin Ewro). Mill-provi prodotti hu manifest li l-imputati kienu fil-pussess ta’ oggetti misruqa ftit jiem qabel, u l-ispjegazzjoni li huma taw ghal dan il-pussess, jigifieri li dawn sabuhom mormija fi “skip” tal-iskart, hi wahda fqira ghall-ahhar. Is-serq li huma akkuzati bih sehh f’xi jum vicin l-10 ta’ Frar, peress illi sid il-hanut irrapporta s-serq fit-12 ta’ Frar, hekk kif mar jiftah il-hanut, u l-imputati inqabdu bl-oggetti misruqa gimgha wara, fid-19 ta’ Frar, meta skond il-pulizija u skond xi rapporti li dahlu lill-istess pulizija, huma kienu qed iduru madwar hwienet ohra b’dawk l-ghodod misruqa u mizmuma go basket. Dawn l-ghodod addirittura kien ghad ghandhom il-prezz fuqhom, tant kienu ghadhom godda, u fil-fatt sid il-hanut gharaf li kienu tieghu mill-istess tikketta tal-prezz. Ghalhekk ma jista’ jibqa’ l-ebda dubju li, ladarba l-imputati kienu fil-pussess ta’ oggetti misruqa ftit jiem biss qabel, u ma taw ebda spjegazzjoni plawsibbli ta’ kif gew fil-pussess taghhom, ghandhom jinstabu hatja ta’ serq.

Kwantu ghall-imputazzjoni ta’ ricetazzjoni, din inghatat bhala alternattiva ghal dik ta’ serq, li l-imputati gia’ instabu hatja taghha, u allura l-Qorti sejra tastjeni minnha.

Kwantu ghall-imputazzjoni tal-hsara volontarja, din hi necessarjament mezz ghall-fini, u ghaldaqstant ghandu jkun hemm assorbiment tal-piena fir-reat aktar gravi.

Hemm ukoll imputazzjonijiet ohra kontra Diego Grixti wahdu. Wara li gew arrestati l-imputati dak inhar stess u gew investigati, waqt li kienu l-Ghassa l-imputat Diego Grixti aggredixxa lil PC 372 Jurgen Vella u kkagunalu feriti ta’ natura hafifa. Ghalhekk il-hames u s-sitt imputazzjoni gew ippruvati ukoll, u ma gew kontradetti minn hadd.

Kwantu ghat-tmien imputazzjoni, dik ta’ biza’ li tintuza vjolenza, din assolutament ma rrisultatx, peress illi l-ebda xhud ma qal li huma hassuhom mhedda jew li bezghu li Grixti kien ser juza xi vjolenza fuqhom. Bid-dovut rispett, il-Qorti tara li tali imputazzjoni qed tinghata ta’ spiss wisq u b’mod legger, u thoss li hi esagerazzjoni li ufficjali tal-pulizija jibzghu minn zghazugh ta’ 20 sena arrestat fl-Ghassa.

Kwantu ghas-seba’ u d-disa’ imputazzjoni, il-Qorti qed tiddikjarahom preskritti, peress illi mid-data tal-incident sa meta inqrat l-akkuza, lahqu ghaddew aktar minn tlitt xhur, u ghalhekk it-terminu preskrittiv kien skada.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 261, 262, 263, 267, 270, 334, 325, 95, 96, 221, 251B, u 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
U l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Tiddikjara s-seba’ u d-disa’ imputazzjoni preskritti;
Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni peress illi inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni;
Ma ssibx lill-imputat Diego Grixti hati tat-tmien imputazzjoni u ghaldaqstant tilliberah minnha;
Issib lil Diego Grixti hati tal-ewwel, it-tielet, il-hames u s-sitt imputazzjoni, u tikkundannah terminu ta’ prigunerija ta’ sentejn u nofs;
Issib lil Allan Pace hati tal-ewwel, it-tielet u r-raba’ imputazzjoni, u tikkundannah terminu ta’ prigunerija ta’ sentejn;

Issib lil Curtis Bakoush hati tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni, u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 37 tal-Kap 9 tikkundannah terminu ta’ prigunerija ta’ sena.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------